Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru 248/2001

Il- Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)

-vs-

Manolito Bugeja
David Vella
(fil- konfront ta' David Vella biss)

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi David Vella ta' 27 sean bin Emmanuel u Rosemarie nee' Farrugia mwieled fil- Pieta' fit- 18 ta' Lulju 1978 u li joqghod 311, Triq A. Tonna Barthet, Pembroke. Detentur tal- karta ta' l- identita' bin- numru 345478(M).

Talli fis- 17 ta' April 2001, ghall- habta tat- 3.30 ta' wara nofsinhar u fil- granet ta' wara din id- data, minn mahzen sitwat fil- Kwartieri Generali tal- Pulizija fil- Furjana

ikkommetta serq ta’ kwantita’ ta’ Compact Discs (CDs), Digitial Video Discas (DVDs) Starter – Pistol tal- ghamla Rohm RG-3 Cal. 6mm numru serjali mhux maghruf kif ukoll arma tan- nar b’ tir wiehed (Zip-gun) ghamla u numru serjali mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz,.valur li jeccedi l- elf lira Maltin (Lm 1,000), bil- persuna u bil- lok ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta.

Fl- istess data, hin lok u cirkostanzi u fil- granet ta wara din id- data xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immoblli, ghad- dannu tal- Gvern ta’ Malta liema ammont ta’ hsara ma jiskorix l- ghaxar liri Maltin (Lm10).

Fl- istess data, hin lok u cirkostanzi u fil- granet ta’ wara din id- data f’ dawn il- Gzejjer, kellu fil- pussess u/jew taht il- kontroll tieghu u/jew garr arma tan- nar u cioe’ Starter – Pistol tal- ghamla Rohm RG-3 Cal. 6mm numru serjali mhux maghruf kif ukoll arma tan- nar b’ tir wiehed (Zip-gun) Cal. 410 gahmla u numru serjali mhux maghrufa mijghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija.

Fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi u fil- granet ta’ wara din id- data f’ dawn il- Gzejjer, xort’ ohra milli mill- licenzja, naqas li minnufih jghati l- avviz taghhom lill- Kummissarju tal- Pulizija biex jordna jekk dawk l- imsemmija armi ghandhomx jinzammu taht idejn il- Pulizja jew taht idejn il- persuna li tghat l- avviz.

Talli kiser l- kundizzjonijiet tal- Artikolu 5 tal- Kap 152 tal- Ligijiet ta’ Malta mposti fuqu mill- Qorti tal- Appell fis- sentenza datata 26 ta’ Jannar, 2001.

Rat li l- akkuzat ammetta l- akkuzi mibjuba kontrih u tenna wara li l- Qorti fissritlu x’ inhi ammissjoni u l- konsegwenzi

taghha u taghtu zmien biex jerga jahsibha u jikkonsulta ma’ l- avukat tieghu.

Stante ammissjoni ssibu hati.

Rat l- art 261, 263, 267, 268, 269, 276 u li kiser l- artikolu 5 tal- Kap 152 tal- Ligijeit ta’ Malta u ssibu hati tar- reati taht l- imsemmija artikolu u mhux tar- reati l- ohra u ghalhekk qed tilliberah minn dawn l- ahhar imsemmija.

Semghet ix- xieda ta’ l- ufficjal tal- probation Marietta Lanzon, it- trattazjoni dwar il- piena mill- prosekuzjoni u d- difiza.

Tikkundanna l- akkuzat tmintax il- xahar prigunerija b’ dan li ghandu jattendi program residenzjali biex jerga jgibu f’ tieghu kif jidrilhom xieraq l- awtoritajiet kompetenti gewwa l- Facilita Korrettiva ta’ Kordin.

Il- Qorti ikkonsidrat ukoll il- fatt li l- akkuzat ikkopera mal- pulizija u instabet ir- res furtive u l- arma. Din ta’ l- ahhar qed tigi konfiskata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------